

**Tixtieq tgħin lil xi ħadd li jrid isir missjunarju? Dik l-ostja, li hemm fl-istampa, tista' tkun f'idejn dak li tkun għent int.**

**Mela, waqqaf Borża ta' Studju, 583 ewro. Taf xi trid tagħmel? Ċempel 2144 1917 jew 7926 5968, u nagħtuk l-informazzjoni.**



## Riflessjonijiet Spiritwali fuq il-ħajja u l-ħidma ta' Mons. Ġ. De Piro

### Is-smigħ fil-fidi

NO3

Kif rajna x-xahar li għadda, Mons. De Piro bbaża l-ispiritwalità tiegħu fuq il-fatt li ħajtu hi rigal ta' Alla u għalhekk kien jipprova jara kollox fid-dawl tal-fidi. Kien persważ ukoll li l-ispiritwalità trid tkun ibbażata fuq relazzjoni personali ma' Alla. Imma biex iwettaq dan il-pjan hu kien attent ħafna għal dak li l-Kelma ta' Alla tkun trid twassallu. Dan kien jagħmlu f'dawk il-mumenti ta' ġabra u skiet, ħalli hekk jisma' l-vuċi ta' Alla għalih.

Dan joħroġ ċar mill-prietki tiegħu. Hekk pereżempju, "*Tafu x'inhi l-aktar ħaġa importanti? Li wieħed jisma' u jimxi wara l-Kelma ta' Alla. Dan huwa ferm aktar ta' valur minn dak kollu li d-dinja tista' toffrilek*". Huwa kompla jibni l-mixja spiritwali tiegħu fuq, "*....id-dmir li wieħed għandu joqgħod qrib Alla u jisma' l-Kelma tiegħu.*"

Minn hawn wieħed jista' jikkonkludi minn fejn kien iġib dik id-dedikazzjoni għall-oħrajn u l-perseveranza quddiem id-diffikultajiet biex jilħaq il-ħolma li kellu, li jwaqqaf is-Soċjetà. U f'sentenza oħra mill-prietki tiegħu nsibu, "*... il-widna ta' ruħek trid tkun dejjem lesta ħa tisma' l-vuċi Tiegħu*". Għall-kuntrarju, għalih li wieħed ikun trux għall-Kelma ta' Alla hija l-konsegwenza terribli tad-dnub.

*Dan it-tagħrif insibuh fil-Ktieb,"Found among Sinners" ta' Fr Martin Cilia mssp*

## Jiktbilna Fr Kola Schembri MSSP mill-Perù

Alfredo u Dionilda, li joqogħdu fil-parroċċa tiegħi, sa ftit ilu kienu koppja kuntenti bi tlett ulied. Jum minnhom kienu ġejjin mix-xogħol tal-għalqa fuq trakk mimli zunnerija. Ġara li t-trakk inqaleb u spiċċaw mgħaffġin. Dionilda rnexxielha teħlisha, imma żewġha Alfredo spiċċa bis-sinsla miksura. Is-sitwazzjoni tagħhom hija ta' faqar kbir. Alfredo ħarġulu l-feriti. Kollox iridu jħallsu. Imma minn fejn? Qed ngħinhom kemm nista'.

Dan l-aħħar, xtrajtilhom il-ħwejjeġ għat-tfal u xirja ikel. Alfredo, barra li għaddej minn dipressjoni qawwija għandu bżonn jidħol ġo sptar biex jikkurawlu l-feriti li spiċċaw irejħu. Jekk mhux ser jieħu l-kura, ħajja qasira ferm għandu.

Kif tistgħu timmaġinaw Alfredo għad għandu 38 sena.

Storja oħra hija ta' Juan; raġel ta' 37 sena. Dan kien qed jaħdem ma' mgħallem jarma l-*iscaffolding*. Waqt li kien bil-biċċa tal-*iscaffolding* f'idu laqgħat il-*wire* tal-*high tension* u għal żewġ minuti baqa' mwaħħal mal-kurrent. B'xorti kbira baqa' ħaj u spiċċa bil-pali ta' jdejh u saqajh bla laħam. Ġie għandi għax spiċċa f'miżerja u għandu bżonn operazzjoni biex ikunu jistgħu jagħlqulu l-feriti li għadhom miftuħin. Bid-daqsxejn tiegħi, il-ġimgħa d-dieħla ser inħallsulu biex joperawh u ngħinuh jirkupra l-ħajja normali tiegħu.

Flus m'għandix, imma Alla żgur jipprovdi.



Fr Kola Schembri



Marzu 2012 / Għadd 467
Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP

NEWS PAPER POST




# Il-Konverżjoni ta' San Pawl

Jekk wieħed iqalleb l-***Almanakk ta' San Pawl***, li l-qaddej t'Alla Mons. De Piro kien joħrog regolarment, wieħed isib ħafna drabi kemm kien jagħtih titli tassew sbieħ lil San Pawl, bħal: 'l-Appostlu tal-ġnus', 'il-kbir Appostlu Pawlu', u oħrajn. Imma l-aktar li kienet għal qalbu hija l-frażi, '***l-ewwel misjunarju***'.

Kien bir-raġun kollu li l-Fundatur għażel lil San Pawl biex ikun il- patrun tas-Soċjetà Missjunarja li hu waqqaf. Mingħajr ma ninsew ukoll ir-raġuni l-oħra li kellu f'moħħu l-fundatur; għax kien San Pawl li ġabilna l-fidi, li l-missjunarji tiegħu riedhom imorru jxerrdu fid-dinja kollha.

Fost il-festi li jsiru f'ġieħ San Pawl, il-Fundatur għażel dik tal-Konverżjoni tiegħu bħala l-festa prinċipali tas-Soċjetà tagħna. Aħna l-membri tas-Soċjetà, f'Malta u kull fejn ninsabu naħdmu, ta' kull sena nfakkru din l-okkażjoni bl-akbar qima.

Din is-sena, f'Malta ċċelebrajnieha fid-Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera, flimkien mal-Lajċi MSSP, b'velja ta' talb quddiem Ġesù Sagrament, immexxija mis-Superjur Reġjonali Fr Louis Mallia.

Il-programm kien ippreparat u mmexxi mil-lajċi, tad-diversi kategoriji, fost l-oħrajn: Għalliema SPMC, ĊAM *Youth*, ĊAM Cpi Int., l-Oratorju San Domenico Savio, Miscan u l-Komunità formattiva. Dawn għamlu riflessjonijiet żgħar fuq siltiet mill-ittri ta' San Pawl. Kien hemm ukoll żewġ interventi qosra oħra minn Fr Tony Sciberras mssp, fuq il-Fundatur u San Pawl u Fr Frankie Cini mssp fuq id-Dar ta' San Ġużepp u Mons. De Piro. Biex inkomplu nifhmu dak li qal Fr Cini, intweriet silta mill-film tal-Đajja ta' Mons. De Piro li kien sar miċ-ĊAM Cip Int. Il-kant ukoll kien immexxi mid-diversi membri tal-lajċi mssp.

Din iċ-ċelebrazzjoni spiċċat bit-talb lil Ġesù Sagramentat immexxi mis-Superjur Reġjonali Fr Louis Mallia mssp.

**L-Editur**



Mument waqt il-velja

*Min jixtieq il-film fuq il-ħajja ta' Mons. De Piro jista' jċempel*



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Tagħrif fuq id-djar u l-ministeri differenti tas-Soċjetà tagħna, f'Malta u fil-missjonijiet

## L-Awstralja

NO3

*Il-Maltin minn żmien ilu kienu jemigraw. Imma wara t-tieni gwerra dinjija, eluf kbar bdew jemigraw lejn il-Kanada u l-Awstralja. Il-Knisja f'Malta qatt ma abbandunat lil ħutna l-Maltin fl-artijiet li marru; anke s-Soċjetà tagħna tat il-kontribut tagħha f'dan il-kamp. Infatti, fl-1948, żewġ saċerdoti tagħna, Dun Wistin Grech u Dun Pietru Pawl Borda, kienu akkumpanjaw lill-emigranti fuq il-vapur u mbagħad baqgħu fl-Awstralja. U hekk bdiet il-ħidma tas-Soċjetà f'dan il-kontinent.*

L-Awstralja hija kontinent li jiġbed lejh diversi li jagħżlu li jemigraw biex ifittxu ħajja ġdida. Fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu diversi Ewropej li ħallew kollox warajhom u emigraw lejn l-Awstralja. Fost dawn, speċjalment wara l-ewwel gwerra dinjija u aktar u aktar wara t-tieni gwerra, minħabba fil-faqar kbir li kien ħakem il-gżejjer Maltin, kien hemm numru kbir ħafna ta' Maltin li għażlu li jemigraw.

Meta waqfu l-emigranti mill-Ewropa bdew ġejjin l-Awstralja nies mill-Vjetnam, mill-pajjiżi tal-Afrika, mill-Asja u mill-Amerika ta' Isfel. Allura dawn ukoll saru parti mill-missjoni tagħna hawn. Ix-xogħol tal-Missjunarju fl-Awstralja jibqa' dejjem li jħabbar l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu lil kulħadd.

Ix-xogħol tal-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl jista' jinqasam fi tnejn: uħud mill-membri huma kappillani tal-emigranti filwaqt li oħrajn huma kappillani fl-parroċċi. Id-differenza fix-xogħol hija żgħira. Filwaqt li kappillan f'parroċċa huwa responsabbli mill-attivitajiet li jiġru fil-parroċċa tiegħu, il-kappillan tal-emigranti jmur isibhom hu fiz-zona.

### Kappillani ma' diversi lingwi

Għandna saċerdoti li huma kappillani tal-Maltin, tat-Taljani u tal-Ispanjoli. Dawn, imorru jżuru l-morda fl-isparijiet u fi djarhom, jaqsmu magħhom is-sagrament tal-Ewkaristija, joffrulhom is-sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni (Qrar) u tal-Grizma tal-Morda. Drabi oħra jkunu mitluba biex ibierku djar u familji, jippreparaw għarajjes għaż-żwieġ u wara jżewġuhom, kif ukoll iqaddsu fil-quddies tal-funerali.


Fr Adami fil-festa tal-Madonna ta' Guadalupe għan-nies tal-Pajjiżi Latinos


Fr. John Taliana waqt laqgħa tal-katekizmu għat-tfal


Il-priedka ta-Milied, jidher ukoll Fr B. Sant


Australia


Fr.M.Zammit,jamministra s-Sagrament il-Magħmudija

Ma għandniex xi ngħidu, li jibqgħu dejjem l-ewwel fil-lista tax-xogħol, il-visti fid-djar; u hemm twassal il-Kelma ta' Alla aktar mill-viċin.

### Kappillani mal-Maltin

Fost il-komunità Maltija, il-kappillan, barra dak li semmejna fuq, jgħin lil ħutu Maltin iżommu t-tradizzjonijiet reliġjużi tagħhom billi jqaddes bil-Malti f'diversi parroċċi u jiċċelebra l-festi tradizzjonali kif nagħmlu Malta. Fil-Milied jaħseb għall-prietka tat-tifel, li ssir bil-Malti, il-proċessjoni bil-bambin u l-quddiesa ta' nofsillejl. Imbagħad fir-Randan isiru l-eżerċizzi.

Barra dan kollu, peress li l-komunità Maltija llum hija ta' età avvanzata, il-kappillan irid jgħinhom fl-aħħar snin ta' ħajjithom, mingħajr ma jħalli barra x-xogħol kontinwu man-neputijiet tagħhom ħalli jressaqhom għas-sagramenti.

### Fil-Parroċċi

Fil-parroċċi tagħna l-missjunarju jaħdem fost diversi emigranti u refuġjati li jgħixu hemm. Tista' tgħid li fil-parroċċi tagħna hemm nies minn kull pajjiż tad-dinja.

Bħala missjunarji, ix-xogħol tagħna fil-parroċċi huwa bħal speċi ta' pont. Nippruvaw ngħinu lil dawn l-emigranti u rifuġjati biex isibu fil-Knisja Awstraljana l-post tagħhom u l-komunità li fiha jridu jikbru bħala nsara.

Allura ngħinuhom jorganizzaw it-tradizzjonijiet tal-pajjiżi diversi tagħhom għax dawn huma importanti għall-komunità tagħhom. Insemmi waħda biss, tal-komunità Filippina: Is-'Simban Gabi'. Dawn qabel il-Milied jinġabru kmieni kull filgħodu għal disat ijiem u jiċċelebraw il-quddiesa bi preparazzjoni għal din il-festa. Din it-tip ta' pastorali, ma' dawn l-emigranti, hija importanti ħafna għax turi li l-Knisja fl-Awstralja lesta biex tilqagħhom u tieħu ħsiebhom.

Il-parroċċi tagħna kollha għandhom l-iskola primarja u sekondarja tagħhom, fejn imorru t-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa, barra l-iskejjel tal-gvern. Il-membri tagħna jagħmlu ħilithom biex iżuru u jaħdmu fost dawn it-tfal u ż-żgħażagħ. Il-Knisja tinbena fuq dawn iż-żgħar tal-lum.

Fuq kollox, biex inwettqu x-xewqa tal-Papa għal evanġelizzazzjoni ġdida għandna s-Saint Paul's Missionary College li jinsab f'Wantirna. Dan qiegħed iservi bħala dar tal-irtiri fejn diversi gruppi jiġu jgħaddu ġranet ta' talb u tagħlim. Bħalissa dan iċ-ċentru tagħna qiegħed jitmexxa minn membri nisa tal-Moviment tal-Fokolari li l-Karizma tagħhom hija wkoll li jgħixu u jħabbru l-Imħabba ta' Alla.

Għeżież benefatturi u ħbieb, fi ftit kliem ippruvajna nagħtukom stampa tad-diversi ħidmiet li nagħmlu fil-missjoni tagħna fl-Awstralja. Nitolbukom li żżommuna dejjem fit-talb tagħkom.

**Fr John Taliana mssp**


Fr E. Agius waqt ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ


Il-missjunarji li qed jaħdmu f'Awstralia